

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fit-30 ta' Mejju 2017 – Eugen Bogatu vs Minister for Social Protection**

**(Kawża C-322/17)**

(2017/C 277/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

High Court (l-Irlanda)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Eugen Bogatu

Konvenut: Minister for Social Protection

**Domandi preliminari**

- 1) Ir-Regolament Nru 883/2004<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 67 tiegħu, moqri flimkien mal-Artikolu 11(2) tiegħu, jirrikjedu, għall-finijiet tal-eliġibbiltà għall-"benefiċċju marbut mal-familja" kif iddefinit fl-Artikolu 1(z) tar-Regolament, li persuna għandha tkun impjegata jew taħdem għal rasha fl-Istat Membru kompetenti (kif iddefinit fl-Artikolu 1(s) tar-Regolament) jew, alternattivament, li hija tkun qed tirċievi l-benefiċċji fi flus imsemmija fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament?
- 2) Ir-referenza għal "benefiċċji fi flus" fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament għandha tiġi interpretata fis-sens li din tirreferi unikament għall-perijodu li matulu min iressaq it-talba jkun verament qed jirċievi benefiċċju fi flus, jew tirreferi għal kull perijodu futur li matulu min iressaq it-talba jkun jista' jirċievi benefiċċju fi flus, irrispettivament minn jekk dan il-benefiċċju jkun ntalab fl-istess żmien tat-tressiq tat-talba għal benefiċċji tal-familja?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (l-Irlanda) fit-30 ta' Mejju 2017 – People Over Wind, Peter Sweetman vs Coillte Teoranta**

**(Kawża C-323/17)**

(2017/C 277/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

High Court (l-Irlanda)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: People Over Wind, Peter Sweetman

Konvenuta: Coillte Teoranta

**Domanda preliminari**

Miżuri ta' attenwazzjoni jistgħu, jew f'liema ċirkustanzi jistgħu, jittieħdu inkunsiderazzjoni meta ssir evalwazzjoni minn qabel għal evalwazzjoni xierqa taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva Habitats<sup>(1)</sup>?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).